C/2025/1567

7.3.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11916 – ADVENT / MUBADALA / PROSPER LINK INTERNATIONAL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1567)

1. Fis-27 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International, L.P. ("Advent", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn AIC Parent, Inc. (l-Istati Uniti),

— Mubadala Investment Company PJSC ("MIC", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Prosper Link International Limited ("Prosper", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi).

Advent u MIC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Prosper.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Advent: investitur ta' ekwità privata ffukat fuq l-akkwist ta' ishma azzjonarji u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi l-kura tas-saħħa, l-industrija, it-teknoloġija, il-bejgħ bl-imnut, il-konsumatur u d-divertiment, u s-servizzi tan-negozju u finanzjarji,

— MIC: kumpanija ta' investiment kollha kemm hi proprjetà tal-Gvern ta' Abu Dhabi li timmaniġġja portafoll varjat ta' assi u investimenti fl-Emirati Għarab Magħquda u barra mill-pajjiż,

— Prosper: negozju primarjament involut fil-manifattura u l-bejgħ ta' lentijiet tal-kuntatt konvenzjonali u prodotti għall-kura tal-lentijiet fiċ-Ċina kontinentali, taħt iż-żewġ ismijiet ta' ditti ewlenin tagħha Hydron u Horien.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11916 – ADVENT / MUBADALA / PROSPER LINK INTERNATIONAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË